Minuti tal-Laqgħa Nru. 4 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 2 ta' Novembru 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur Kerstin Gatt<br>Is-Sur Martin Borg<br>Is-Sur Raymond Ellul |
| Assenti | Is-Sur Gejtu Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari tal-minuti tal-laqgha ta qabel.
2. Punti mqajjma mill-minuti.
3. Football ground ġewwa Ħal Farruġ.
4. Rotta tal-Karozzi tal-Linja
5. Xogħolijiet
6. Other matters.
7. Eghluq il-laqgha.

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-membri preżenti tal-Kumitat Amministrattiv qraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Peress li ma kienx hemm korezzjonijiet jew punti mqajjma mill-minuti preċedenti il-laqgħa mxiet għal item li jmiss.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.0 Ma kienx hemm punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 FOOTBALL GROUND ĠEWWA ĦAL FARRUĠ

3.1 Ic-Chairperson ssuġġerixxa biex bħala Kumitat Amministrattiv inkellmu lit-team tal-Valletta F.C. biex f' dan il-punt wieħed jara jekk jistax jiggwadanja xi ħaġa għal benefiċċju tar-residenti ta' Ħal Farruġ.

3.2 Is-Segretarju kompla jagħti aġġornament fuq dak li ntqal waqt il-laqgħa li saret mas-Segretarjat. Is-Segretarju semma wkoll li meta aħna nirċievu notifikazzjoni tal-applikazzjoni ta dan il-proġett aħna nkunu nistgħu nitolbu biex naraw jekk sarx Environmental Impact Assessment Report.

3.3 Is-Sur. Ellul qal li huwa waqt il-laqgħa li saret mas-Segretarjat spiċċa jitkellem waħdu u ma kinex supported mill-membri l-oħra preżenti. Ic-chairperson wieġbu li huwa kien ressaq il-punti tiegħu qabel fil-laqgħa l-oħra li kienet saret u għalhekk ma kienx hemm il-bżonn li jerġa jirrepetti l-istess diskors.

3.4 Is-Sur. Ellul semma wkoll li waqt il-laqgħa huwa ppreżenta żewġ cuttings li kienu jsemmu każijiet differenti fejn inqatgħu siġar u kien hemm residenti li lmentaw fuq il-qtugħ tagħhom fuq il-ġurnali. Huwa reġa saħaq ukoll li jżomm il-pożizzjoni tiegħu kontra l-proġett tal-gorund għat tim tal-Belt ġewwa Ħal Farruġ.

3.5 Is-Sur. Borg semma li dan il-proġett tal-ground jista' jkun inizjattiva tajba biex jġib aktar xogħol lejn Ħal Farruġ peress li bis-saħħa ta' dan il-proġett jinħoloq aktar xogħol peress li jkun hemm ħwienet ukoll mal-ground. B dan il-mod ir-residenti ta Ħal Farruġ se jiggwadanjaw għax anki e jkun hemm aktar kummerċ.

## 4. ROTTA TAL-KAROZZI TAL-LINJA

4.1 Ic-chairperson ħabbar waqt il-laqgħa li tal-linja se tibda tgħaddi min Ħal Farruġ. Dan ikkonfermah is-Segretarju peress li kien ra lis-Sur. Kevin Zahra u qallu b' dak li kien ser jiġri. Is-Sur. Gatt staqsa min fejn se tkun qed tgħaddi l-karozza tal-linja. Ic-chairperson wieġeb li għalissa għad m hemmx risposta imma l-quddiem ikollna aktar dettalji.

4.2 Is-Sur. Borg qal li dawn tal-Linja se jkunu karozzi żgħar u mhux kbar kif hemm illum.

4.3 Ic-chairperson semma li hemm meżż kif jistgħu jsiru stages għal karozzi tal-linja biex fuqhom jistennnew in-nies. Huwa qal li dawn jistgħu jinġiebu b' xejn permezz tal-advertising. Is-Segretarju wieġeb li jekk hemm il-lokazzjoni lesta dan jista' jinġieb la l-installazzjoni ma tinvolvix spejjeż.

## 5. XOGĦOLIJIET

5.1 Is-Sur. Borg saqsa wkoll jekk inkitbitx ittra rigward il-bżonn li jkun hemm residential parking fi Triq San Vinċenz ġewwa Ħal Farruġ. Is-Segretarju wieġeb li hu kien bagħat din it-talba lil Transport Malta u qed jistenna risposta.

5.2 Is-Sur. Ellul reġa semma wkoll il-fatt li fuq il-pjanta li saret fuq il-proġett ta' Triq il-Vitorja kien hemm żball rigward id-disinn ta kif tinsab preżentament il-layout tat-triq. Huwa qal jekk il-perita kinitx irranġat dan l-iżball fil-pjanta tagħha. Is-Segretarju wieġeb li kien se jerġa jkellem il-perita u jispjegala x' kien l-iżball.

5.3 Is-Sur. Ellul saqsa wkoll fiex kienu waslu t-tabelli li jindikaw li l-karozzi għandhom jipparkjaw bl exhaust pipe il-barra. Is-Segretarju wieġeb li dawn kienu ġew ordnati u huma fil-proċċess li jsiru.

5.4 Issemmiet wkoll li hemm kamra maġenb il-blokok ta wara l-knisja li minnha jgħaddu n-nies għal garaxxijiet li hemm taraġ fiha u bħalissa tinsab bla dawl. Kien suġġerrit biex f' din il-kamra issir dawl peress li hija perikoluża.

5.5 Is-Sur. Gatt staqsa lis-Segretarju jekk il-mirja twaħħlux ġewwa Ħal Farruġ. Is-Segretarju wieġeb li dawn ġew ordanti imma għadhom ma twaħħlux. Is-Sur. Gatt qali biex huwa jiġi kkuntatjat qabel ma jitwaħħlu għax huwa kien jaf b' post fejn kien hemm il-periklu mingħajr il-mirja.

5.6 Ic-chairperson qal lis-Segretarju li hemm bżonn li jkun hemm il-ħaddiema assenjati fuq Ħal Farruġ peress li hemm diversi xogħol li jrid issir. Is-Segretarju qal li hu kien qed jagħmel hiltu kollha biex jġib l-għajnuna meħtieġa.

5.7 Ic-Chairperson semma wkoll li kien ġie kkuntatjatt il-kuntrattur responsabli mis-soft areas u dan qal li l-ġimgħa d-dieħla kien se jġib il-fjuri biex jiġu mħawwla hemm.

5.8 Ic-chairperson issuġġerixxa biex fl-okkażżjoni tal-Milied inkellmu lil tas-Siegħ biex jagħtina stilla u din iżżejjen iż-żona.

5.9 Is-Segretaju semma wkoll li rigward il-water culverts huwa kellem lil-perit u dan għandu jħejji stima tax-xogħol li hemm. Jekk l-istima tkun għolja issir talba lid-Dipartiment biex wieħed jara kif jista jkollu aktar għajnuna fuq dan il-proġett.

## 6. OTHER MATTERS

6.1 Is-Sur. Ellul saqsa lis-Segretarju fuq ir-responsabiltajiet li kellu bħala membru tal-Kumitat Amministrattiv u l-għala ma kellux id-dettalji tal-kuntrattur li huwa responsabbli tas-soft areas. Huwa għalhekk talab is-Segretarju biex jagħtih id-dettalji. Is-Segretarju wieġeb li dawn id-dettalji setgħu ingħataw qabel anki kieku saqsa għalihom qabel.

6.2 Is-Sur. Ellul ressaq ukoll ritratti li huwa kien ħa ta nies li kienu qed jużaw iż-żona tal-bandli biex jagħmlu picnic. Huwa qal li dawn warajhom kienu qed iħallu bosta ħmieġ u ħsara. Huwa issuġġerrixxa biex għalhekk l-entratura tingħalaq biex b' hekk ma jkunux jistgħu jidħlu karozzi. Huwa qal ukoll biex ikun hemm aktar infurzar biex ma jitħallix ħmieġ fuq il-post.

6.3 Is-Sur. Borg saqsa lis-Segretarju jekk kienx hemm xi żvillupi rigward l-akkwist għal uffiċċju lil Kumitat Amministrattiv peress li aktar qabel kienet saret talba biex jinstab post fejn ikun jista' jiltaqa l-Kumitat. Is-Segretarju wieġeb li kien għadu ma rċieva xejn imma kien se jerġa jikkuntatja lil min hu konċernat.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru 2010 fis-6.12 p.m. Kien hemm data iffisata għal 15 ta' Diċembru 2010 fil-5.00 p.m. biex issir il-laqgħa għax xahar ta Diċembru ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa.**

.

Konfermati llum ______________________ 2010.

____________________

Raymond Saliba
Chairperson

____________________

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv